Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,158, 6 ta' Novembru, 2001
Taqsima B

L.N. 279 of 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 tal-Kors għall-Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2001 tal-Kors għall-Grad ta' Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni;

"il-Bord ta' Studji" tfisser il-Bord ta' Studji maħtur mis-Senat għall-Kors;

"iċ-Ċertifikat" tfisser il-Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E.; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E.

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2001 jew wara.

L-Eliġibilita' għaċ-Ċertifikat

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu rreġistrati bħala studenti regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita' u jissodisfaw ir-Rekwiżiti għad-Dħul stipulati fir-regolament 4;

(b) itemmu l-kors ta' l-istudji, jiksbu l-kredti kollha indikati f'paragrafu (1) tar-regolament 10 u jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfaw xi rekwiżiti oħra preskritti fi statuti, f'regolamenti u f'ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) L-applikanti għandhom japplikaw biex jirreġistraw għall-Kors fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

(2) Il-Bord għandu jħabbar l-oqsma ta' speċjalizzazzjoni offruti kif approvati mis-Senat, li normalment ikunu s-suġġetti mgħallma fil-kurrikulu tal-livell sekondarju, qabel il-bidu ta' kull Kors. L-oqsma ta' speċjalizzazjoni jiġu offruti skond ir-riżorsi li jkun hemm u n-numru ta' applikanti li jagħżluhom. L-applikanti għandhom jindikaw il-qasam ta' speċjalizzazzjoni li jixtiequ bħala l-qasam ta' tagħlim tagħhom meta japplikaw.

(3) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandu jkollhom:

(a) jew grad bl-Unuri, jew grad ordinarju b'ta' l-anqas Kategorija II, fiż-żewġ każijiet b'minimu ta' 30 kredtu fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni magħżul bħala l-qasam ta' tagħlim; u

(b) għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2002 jew wara, il-European Computer Driving License; jew

(ċ) kwalifiki oħra li l-Bord jikkunsidra ekwivalenti għal dawk mitluba fis-sotto-pargrafi (a) u (b) ta' dan ir-regolament miksuba mill-Universita', jew minn istituzzjoni rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan.

(4) L-applikanti għandhom jissodisfaw lill-Bord li għandhom id-dispożizzjoni neċessarja u jistgħu jkunu mitluba jattendu għal intervista għal dan il-għan.

(5) Barra mill-kwalifiki mitluba fil-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament, l-applikanti li jagħżlu l-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin għandu jkollhom ukoll kredti fl-oqsma ta' studju indikati jew f'oqsma ta' studju oħra kif approvat mill-Bord ta' l-Istudji:

(a) għall-**Business Studies:** minimu ta' 15-il kredtu fil-livell ta' l-ewwel grad f'kull waħda minn żewġ oqsma ta' studju li ġejjin: Accountancy, l-Ekonomija, Banking and Finance, u Management;

(b) għall-**Computing and Information Technology:** minimu ta' 30 kredtu fil-livell ta' l-ewwel grad fil-Computer Science Information Systems u Computer/Communications Engineering, li għandhom jinkludu taqsimiet studju fl-oqsma li ġejjin li huma meħtieġa biex jgħallmu s-suġġett fl-iskejjel sekondarji: il-Programming f'livell għola minn dak introduttorju fil-Pascal, C jew (C++) jew Java, Computer Logic, Computer Architecture and Assembly Language Programming, Database Management Systems, Systems Analysis and Design, Data Structures and Algorithms, Compiling Techniques, u Operating Systems;

(ċ) għall-**Personal and Social Education:** minimu ta' 15-il kredtu fil-livell ta' l-ewwel grad jew fil-Filosofija jew fis-Soċjoloġija jew fil-Psikoloġija Soċjali jew fi tnejn minn dawn l-oqsma;

(d) għas-**Science:** minimu ta' 15-il kredtu fil-livell ta' l-ewwel grad f'kull waħda miż-żewġ oqsma ta' studju li ġejjin: il-Bioloġija, il-Kimika, il-Fiżika, u l-Matematika;

(e) għas-**Social Studies:**

jew (i) l-ewwel grad b'minimu ta' 30 kredtu f'wieħed mill-oqsma ta' studju li ġejjin: l-International Relations, il-Public Policy, jew is-Soċjoloġija;

jew (ii) minimu ta' 30 kredtu fil-livell ta' l-ewwel grad jew l-ekwivalenti fi tnejn mill-oqsma ta' studju li ġejjin: l-Antropoloġija, Communication Studies, l-Ekonomija, l-Istorja, Human Geography, ix-Xjenza Politika, il-Filosofija Soċjali jew il-Psikoloġija Soċjali jew f'xi qasam ieħor ikkunsidrat relatat mill-Bord ta' l-Istudji; u

(f) għat-**Technical Subjects:** l-ewwel grad b'minimu ta' 30 kredtu fi tnejn mill-oqsma ta' studju li ġejjin: Electrical Engineering, Electronics, Mechanical Engineering, jew f'xi qasam ieħor ikkunsidrat relatat mill-Bord ta' l-Istudji.

Il-Kors ta' l-Istudji

5. (1) Il-Kors jinfirex fuq sena ta' studju fuq bażi *full-time*. Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jtawwlu ż-żmien ta' l-istudji tagħhom b'mhux aktar minn sena oħra.

(2) Il-Kors għandu jkun magħmul mill-komponenti li ġejjin li għalihom huma assenjati 30 kredtu:

(a) taqsimiet studju li għalihom huma assenjati 15-il kredtu fl-oqsma ta' studju li ġejjin:

Foundation Studies in Education (including Educational Psychology, Philosophy of Education, Sociology of Education, and an Options Programme)
Pedagogy and Curriculum Srudies
Resources and Information and Communication Technology in Education (RICTE);

(b) kredtu għal kull waħda mill-erba' karti ta' l-eżamijiet fl-Educational Psychology, Philosophy of Education, Sociology of Education, and Pedagogy and Curriculum Studies;

(ċ) l-Esperjenza fl-Iskola (2 kredti) u l-Esperjenza ta' Tagħlim (5 kredti); u

(d) l-Esej Twil jew Proġett (4 kredti).

(3) Il-Bord jistipula liema suġġett fil-qasam tal-Pedagogy and Curriculum Studies u liema taqsimiet studju l-istudenti għandhom jieħdu sabiex itemmu l-programm tal-kors xieraq. It-taqsimiet studju li għandhom jittieħdu f'kull każ għandhom ikunu determinati mill-Bord ta' l-Istudji qabel il-bidu tal-Kors.

L-Esperjenza fl-Iskola

6. (1) L-istudenti għandhom jagħmlu tliet perijodi ta' Esperjenza fl-Iskola matul il-Kors sabiex isiru midħla mas-dinja ta' l-iskola u tal-klassi.

(2) L-Esperjenza fl-Iskola tkun valutata skond l-iskema ta' l-iggradar indikata f'paragrafu (2) tar-regolament 10.

Esperjenza ta' Tagħlim

7. (1) L-istudenti għandhom jagħmlu żewġ perjodi ta' sitt ġimgħat-il wieħed ta' Esperjenza ta' Tagħlim fi skejjel sekondarji matul il-Kors sabiex jiksbu esperjenza fil-klassi.

(2) L-Esperjenza ta' Tagħlim tkun valutata fuq bażi ta' Għadda/ Weħel.

L-Esej Twil/Proġett

8. (1) L-istudenti għandhom jissottomettu Esej Twil li għandu jiffoka fuq problema jew *issue* edukattiva jew fil-qasam tal-Foundation Studies in Education jew fil-Pedagogy and Curriculum Studies, jew Proġett meqjus ta' livell akkademiku ekwivalenti mill-Bord ta' l-Istudji. L-Esej Twil għamdu jkun ta' mhux aktar minn 8000 kelma (eskluži l-appendiċi) jew mhux anqas minn 12000 kelma jekk miktub minn aktar minn persuna waħda.

(2) L-Esej Twil/Proġett għandu jkun valutat skond l-iskema ta' l-iggradar indikata f'paragrafu (2) tar-regolament 10. L-istudenti jistgħu jkunu mitluba jattendu għal eżami *viva voce*.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

9. Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju. Il-katalgu għandu jindika l-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew huma meħtieġa jittieħdu qabel taqsimiet studju oħra, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu għall-Kors qabel il-bidu tiegħu, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Valutazzjoni

10. (1) L-istudenti jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-għoti taċ-Ċertifikat jekk jiksbu:

(a) 14-il kredtu għal taqsimiet studju fl-oqsma ta' studju indikati fis-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (2) tar-regolament 5, li jinkludu dawk assenjati għat-taqsimiet studju obbligatorji;

(b) 4 kredti għal erba' karti ta' l-eżamijiet (kredtu kull waħda) fl-oqsma ta' studju indikati fis-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (2) tar-regolament 5;

(ċ) iż-2 kredti assenjati għall-Esperjenza fl-Iskola u l-5 kredti assenjati għat-*Teaching Practice*; u

(d) l-4 kredti assenjati għall-Esej Twil/Proġett.

(2) Il-kredti għandhom ikunu assenjati skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla grad: A, B, Ċ, D. F tindika li wieħed weħel. Xogħol mhux komplut għal raġunijiet ġustifikati (mard, assenza approvata, eċċ) għandu jkun indikat bl-ittra I. Fil-każijiet l-oħra kollha r-riżultati ta' taqsimiet studju mhux mitmuma għandhom jidħru bħala F. Il-gradi mogħtija għandhom iqisu l-livell milħuq mill-istudenti f'wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin, kif il-Bord iqis xieraq: xogħol matul il-kors, u valutazzjonijiet prattiċi, bil-miktub u/jew orali.

(3) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju għandu jkollhom valutazzjoni supplimentari darba biss. Il-valutazzjonijiet supplimentari

għandhom isiru bi ftehim mal-lettur ikkonċernat. Fil-valutazzjonijiet supplimentari, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

(4) L-istudenti li jeħlu fl-Esperjenza fl-Iskola jew fl-Esperjenza ta' Tagħlim ikunu meħtieġa jirrepetuhom darba waħda biss meta jkun possibbli. L-istudenti li jeħlu fl-Esej Twil/Proġett ikunu mitluba jerġgħu jissottomettuh darba biss waqt sena addizzjonali ta' studji.

(5) L-istudenti li jeħlu f'xi karta ta' l-eżami għandu jkollhom eżami supplimentari darba biss. L-eżamijiet supplimentari għandhom isiru f'Settembru. Fl-eżamijiet supplimentari, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

(6) L-istudenti li jeħlu mill-Kors ma jitħallewx jirreġistraw għalih għat-tieni darba.

L-Għoti taċ-Ċertifikat

11. (1) L-istudenti li jissodisfaw il-kriterji ta' valutazzjoni kif stipulati fil-paragrafu (1) tar-regolament 10 ikunu eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jgħaddu għandhom ikunu ippubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.

Thassir

12. Ir-Regolamenti għaċ-Ċertifikat fl-Edukazzjoni għall-Gradwati ppubblikati bħala Avviż Legali Nru. 111 ta' l-1991, għandhom jitqiesu li spiċċaw mit-30 ta' Settembru 2001,
iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2001 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.